# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. AUDREY DEMICOLI LL.D.

**Illum 5 t' April, 2017**

**Il-PULIZIJA**

**(Spettur Daryl Borg)**

**vs**

**Frank Abdilla**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Frank Abdilla detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 62481M akkuzat talli b' diversi atti maghmulin wkoll jekk fi zminijiet differenti li kisru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b` rizoluzzjoni wahda u cioe:-

1. Talli nhar is-27 ta' Frar 2017 u fil-jiem ta' qabel, minn gewwa l-istabbiliment 'Juniors Toy Shop' li jinsab gewwa l-'Embassy

Shopping Complex', il-Belt Valletta, ikkommetta serq ta' diversi 'scooters' u oggetti ohra ghad-detriment ta' Daniela Ellul, Ruth Cachia u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra liema serq huwa kkwalifikat bil-valur ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin Ewro u erba w disghin centezmu (€232.94) izda anqas minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u dan bi ksur tal-Artikolu 267 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fil-lejl ta' bejn il-05 ta' Marzu 2017 u s-06 ta' Marzu 2017 minn gewwa l-fond numru 18, Flat 5, Triq Mikiel Anton Vassali, il-Belt Valletta, ikkommetta serq ta' ghodda, ghad-dannu ta' Joseph Gauci, Vincent Gauci u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-hin u bil-valur ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin Ewro u erba w disghin centezmu (€232.94) izda anqas minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u dan bi ksur tal-Artikoli 267 u 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Kif ukoll talli nhar is-06 ta' Marzu 2017 minn gewwa l-'*Loop Hole*', Triq it-Teatru l-Antik, il-Belt Valletta, ikkommetta serq ta' flus kontanti, ghad-dannu ta' Renato Vidal u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-hin u bil-valur ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin Ewro u erba w disghin centezmu (€232.94) izda anqas minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u dan bi ksur tal-Artikoli 267 u 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. U aktar talli fil-lejl ta' bejn it-27 ta' Marzu 2017 u t-28 ta' Marzu 2017 minn gewwa l-istabbiliment '*Piccinino*', Triq ir-Repubblika, il-

Belt Valletta, ikkommetta serq ta' ghodda, ghad-dannu ta' Eman Scicluna u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-hin u bil-valur ta' aktar minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u dan bi ksur tal-Artikoli 267 u 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti hija wkoll gentilment mitluba sabiex f' kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x' jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar il-5 t' April, 2017 ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b' mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Semghet is-sottomissjonijiet finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u d-Difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li m' ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri kif ukoll il-fatt li kkopera fl-kors tal-investigazzjoni.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 261, 267, 270, 279(a), 280, 17, 20 u 31 tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u tikkundannah tliet (3) snin prigunerija. Il-Qorti tirrakkomanda lid-Direttur tal-facilita' Korrettiva ta' Kordin sabiex l-imputat jithalla jibda programm sabiex jigi mghejun jeghleb il-problema tal-abbuz mid-droga.

Wara li rat l-Artikoli 392 A (2) u 401 (3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li l-atti kollha ta' dan il-process flimkien ma' kopja tas-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien li trid il-Ligi.

**MAGISTRAT**

**Graziella Abela**

**Deputat Registratur**